MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 427/2001/1

**KD Commercials Limited.**

**-vs-**

**(1) Valletta Freight Services Limited**
**(2) Valfracht Roro Line Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti gew inkarigati mis-socjeta' attrici sabiex igorru merkanzija minn Londra ghal Malta, fost liema merkanzija kien hemm trakk *ossia mechanical horse* tal-marka ERF EC10 ARCTIC, numru ta' registrazzjoni Ingliz L364 RDM, li kellu c-*chassis* numru 74822.

Illi l-konvenuti accettaw dan l-inkarigu u trasportaw din il-merkanzija nkluz trakk abbord il-vapur MV Moon Admiral, minn Tilbury, Londra ghal Malta, permezz tal-vjagg numru 161, li salpa fl-10 ta’ April, tas-sena 2000.

Illi waqt illi kien abbord l-imsemmi vapur dan it-trakk garrab hsarat estensivi, li ghalihom ghandhom jirrispondu l-konvenuti minhabba negligenza, traskuragni u imperizja da parti taghha jew tal-haddiema jew agenti taghhom. Dan b’mod specjali minhabba l-mod kif giet ipparkjata u trattata l-merkanzija abbord l-istess vapur.

Illi s-socjeta’ attrici trid li tigi kkompensata ghad-danni sofferti minnha fuq l-imsemmija vettura u ghal danni ohra li sofriet u qed issofri minhabba dan l-incident.

Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet is-socjetajiet konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fuq it-trakk *ossia mechanical horse* tal-marka ERF EC10 ARCTIC, numru ta’ registrazzjoni Ingliz L364 RDM, li kellu c-*chassis* numru 74822, li sehhew abbord il-vapur MV Moon Admiral, minn Tilbury, Londra ghal Malta, permezz tal-vjagg numru 161, li salpa fl-10 ta’ April, tas-sena 2000, u ghal danni sofferti mis-socjeta’ attrici minhabba dan l-incident.

2. Tillikwida dawn id-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici.

3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta’ attrici dawn id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha tal-VAT, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tad-29 ta’ Dicembru, 2000 u ta’ l-ittra ufficjali

spedita fi Frar 2001. Is-socjetajiet konvenuti jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Tony Borg, u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ Valletta Freight Services Limited, ipprezentata fil-25 t’April, 2001, li permezz taghha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, hija ghal kollox estranja ghall-kaz u ghandha tigi liberata minnufih mill-osservanza tal-gudizzju peress li t-transazzjoni in kwistjoni ma kinitx tirrigwarda lilha imma biss lis-socjeta’ l-ohra konvenuta.

2. Illi subordinatament u fil-mertu hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta’ attrici ghax il-hsara li grat, ma gratx tort taghha imma tad-*driver* tal-Port of Tilbury London Limited, socjeta’ estera li m’hijiex prezenti f’Malta, waqt li dan kien qed isuq vettura ohra fil-garaxx tal-vapur u ghalhekk la l-vapur, la s-sidien tieghu u lanqas ic-*charters* tieghu m’huma responsabbli ghad-danni lamentati.

3. Illi f’kull kaz, billi l-garr sar taht “*free in and out terms*”, anke kieku l-hsara kienet imputabbli ghal xi membru ta’ l-ekwipagg tal-vapur jew ta’ l-agenti tieghu, mhux responsabbli ghal dawn is-socjeta’ eccipjenti, imma *se mai* ikun responsabbli biss il-vapur u l-armaturi tieghu, u dana in forza tal-klawsola 26 ta’ l-*Agency Clause*.

4. Illi f’kull kaz il-limiti tar-responsabbilta’ huma regolati mill-*Bill of Lading* u mill-*Clause 1, Clause Paramount*, tal-*Hague Rules* li jiddisponi li hemm limitu ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) ghal kull koll jew *unit*.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa minn David Jones u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Valfracht Roro Line Limited, ipprezentata fil-25 ta' April, 2001 li permezz taghha eccepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari, hija giet citata hazin ghax isimha mhux Valfracht Roro Line Limited Malta imma Valfracht Roro Line Limited u ghalhekk ghandha tigi liberata minnufih mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici ghax il-hsara li grat ma gratx tort taghha imma tad-*driver* tal-Port of Tilbury London Limited, socjeta' estera li mhux prezenti f'Malta, waqt li dan kien qed isuq vettura ohra fil-garaxx tal-vapur u ghalhekk la l-vapur, la s-sidien tieghu u lanqas ic-*charters* tieghu m'huma responsabbli ghad-danni lamentati.

3. Illi f'kull kaz, billi l-garr sar taht "*free in and out terms*", anke kieku l-hsara kienet imputabbli ghal xi membru ta' l-ekwipagg tal-vapur jew ta' l-agenti tieghu, mhux responsabbli ghal dawn is-socjeta' eccipjenti, imma *se mai* ikun responsabbli biss il-vapur u l-armaturi tieghu u dana in forza tal-klawsola 26 ta' l-*Agency Clause*.

4. Illi f'kull kaz il-limiti tar-responsabbilta' huma regolati mill-*Bill of Lading* u mill-*Clause 1, Clause Paramount*, tal-*Hague Rules* li jiddisponi li hemm limitu ta' mitt Lira Maltin (Lm100) ghal kull koll jew *unit*.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa minn David Jones, u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' Valfracht Roro Line Limited, ipprezentata fis-26 ta' Gunju, 2002, li permezz taghha eccepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok u *in linea* preliminari d-dezerzjoni tal-kawza ghat-tenur ta' l-Artiklu 963 tal-Kapitlu

12, billi fil-konfront taghha – kif issa korrettament citata – ghaddew iktar mis-sitt xhur perentorji biex tigi maghluqa l-procedura bil-miktub minn dakinhar tal-prezentata tac-citazzjoni, u *cioe'* fis-16 ta' Marzu, 2001, u dana peress li c-citazzjoni kif korretta giet notifikata lilha biss fl-14 ta' Gunju, 2002.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' attrici ghax il-hsara li grat, ma gratx tort taghha imma tad-*driver* tal-Port of Tilbury London Limited, socjeta' estera li m'hijiex prezenti f'Malta, waqt li dan kien qed isuq vettura ohra fil-garaxx tal-vapur u ghalhekk la l-vapur, la s-sidien tieghu u lanqas ic-*charters* tieghu m'huma responsabbli ghad-danni lamentati.

3. Illi f'kull kaz, billi l-garr sar taht "*free in and out terms*", anke kieku l-hsara kienet imputabbli ghal xi membru ta' l-ekwipagg tal-vapur jew ta' l-agenti tieghu, mhux responsabbli ghal dawn is-socjeta' eccipjenti, imma *se mai* ikun responsabbli biss il-vapur u l-armaturi tieghu u dana in forza tal-klawsola 26 ta' l-*Agency Clause*.

4. Illi f'kull kaz il-limiti tar-responsabbilita' huma regolati mill-*Bill of Lading* u mill-*Clause 1, Clause Paramount*, tal-*Hague Rules* li jiddisponi li hemm limitu ta' mitt Lira Maltin (Lm100) ghal kull koll jew *unit*.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa minn David Jones, u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-13 ta' Frar, 2004 fejn giet respinta l-eccezzjoni tad-dezerzjoni

Rat l-atti processwali nkluz id-diversi rikorsi tas-socjeta' attrici biex tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited (l-ewwel tnejn gew milqugha) u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2008 li permezz taghha l-kawza thalliet

ghas-sentenza dwar din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob id-danni billi qed tallega li merkanzija taghha giet dannegjata fi vjagg mill-Ingilterra ghal Malta. F'dan il-punt il-Qorti trid tiddeciedi biss jekk is-socjeta' eccipjenti Valletta Freight Services ghandhiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi qed tghid li m'ghandha x'taqsam xejn mal-vertenza in kwistjoni.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ghaliex huwa car li s-socjeta' attrici ghandha rapport guridiku dirett ma' din is-socjeta billi jidher mix-xhieda prodotti li d-direttur tas-socjeta' attrici Anthony Borg inkariga appuntu lilha biex tohodlu hsieb dan il-vjagg. Naturalment hi mbaghad inkarigat lis-socjeta' l-ohra konvenuta biex taghmel l-arrangamenti kollha kompriz it-trasport. Infatti Borg qal hekk; "*Kont immur ghand Valletta Freight fl-ufficcju taghhom il-Marsa u minn hemm johorguli l-bill of lading wara li nghidilhom dwar ix-xoghol li ser nimporta. Prattikament inhalli kollox f'idejhom. Fil-fatt inhallilhom open cheque li dejjem nindirizzah lil Valletta Freight Services Limited sabiex ikopri l-freight ... fin-negojati tieghi dejjem jien hdimt ma' Valletta Freight – pero' lill-kumpanija huma kienu jaghtuha x-xoghol. Jien qatt ma nnegozjajt maghha. Valletta Freight talbitni l-hlas tan-noll.*"

Dan li qal dan ix-xhud ma giex ribattut bhala prova u huwa ghalhekk car ghall-Qorti li s-socjeta' Valletta Freight ma tistax tghid li hija estranja ghal dan in-negozju guridiku. Naturalment f'dan l-istadju wiehed ma jistax jghid jekk hija ghandhiex tirrispondi fattwalment u legalment ghal dak li qed titlob is-socjeta' attrici, izda zgur ma hemmx dik l-estranjeta' ghall-vertenza li twassal lill-Qorti biex f'dan l-istadju tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Fil-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 fl-ismijiet **Musu nomine vs Vella nomine** il-Qorti ta' l-Appell qalet illi ma setghatx tindirizza l-obbligazzjoni tal-hlas tad-danni biss lejn is-socjeta' trasportatrici ghaliex *indubbjament ir-relazzjoni*

*guridika diretta kienet biss bejn l-attur nomine u s-socjeta' konvenuta in kwantu hu ma' din is-socjeta' li gie finalizzat il-kuntratt tat-trasport.* Ghandu jinghad illi dan intqal fir-rigward tal-fatt li s-socjeta' trasportatrici kienet giet kundannatta thallas waheda d-danni mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili – decizjoni li tbiddlet mill-Qorti ta' l-Appell li ddecidiet li z-zewg socjetajiet kellhom jinzammu responsabbli solidalment ghall-merkanzija li ma waslitx Malta. Wiehed jista' jsib ezami approfondit tar-responsabbiltajiet ta' l-agent fis-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Calleja nomine vs Ellul Sullivan nomine deciza fil-15 ta' Dicembru, 2004.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited u tordna t-tkomplija tal-kawza anke fil-konfront taghha. L-ispejjez huma riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------